TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Paul Abdilla

vs

Kasarreda Malta

CCT 228/24/MS

4 ta' Frar 2025

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-2 ta' Ottubru 2023 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-azjenda intimata thallsu s-somma ta' elf u sitt mitt euro, prezz ta' sufan/ sofa bed mixtri minghand l-azjenda intimata liema sufan kien imkisser fid-data tal-konsenja, kif ahjar spejgat fl-istess avviz.

Ra li l-azjenda intimata debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dahlet l-ebda risposta, izda rapprezentant taghha xehed bil-gurament quddiem dan it-Tribunal.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fit-3 ta' Frar 2024, ir-rikorrent zar is-showroom ta' Kassareda Malta u xtara sofa bed ghall-prezz ta' elf u sitt mitt euro. Hallas depozitu ta' tmien mitt euro u l-bilanc kellu jithallas meta s-sufan jasal Malta fil-gimghat ta' wara. Ir-rikorrent talab illi l-konsenja ssir iktar tard peress illi kien qed isiru xogholijiet fid-dar tieghu izda fuq proposta tal-bejjiegh stess ftehemu illi s-sufan jigi konsenjat kif jasal Malta umbaghad meta r-rikorrent ikun komdu, jigi rapprezentant tal-kumpanija biex jaghmel *unpacking* tas-sufan.

Ftit gimghat wara wasal is-sufan u fit-18 ta' Marzu 2024, ir-rikorrent hallas il-bilanc tal-prezz. Is-sufan gie konsenjat ghand ir-rikorrent fl-4 ta' April 2024 u baqa' maghluq fl-ippakkjar tal-fabbrika biex ma jithammigx. Meta x-xoghol tlesta ir-rikorrent talab biex xi hadd mill-kumpanija jigi jiftah s-sufan u fil-fatt hekk ghamlu fit-3 ta' Lulju 2023. Meta l-haddiem bdew jifthu s-sufan dakinhar sabu li kien imkisser, u ghalhekk il-haddiema avzaw lill-kumpanija biex jibdlu s-sufan gdid li kien ghadu kemm infetah mill-kaxxi tal-fabbrika.

Ghalkemm ir-rikorrent talabhom jiehu s-sufan, huma qalulu li kellhom l-ewwel javzaw il-kumpanija. Ftit granet wara pprova jcempel il-kumpanija minghajr success u ddecieda li jmur il-hanut il-Marsa. Assugrawh illi kienu jafu bil-kaz u li kienu avzaw lill-kumpanija barra minn Malta u li kif tasal *replacement* gdida jew sufan gdid ikellmuh. Ghamel xhur icempel biex jara f'hiex waslu izda la l-parti gdida u lanqas sufan gdid ma waslu. F'Settembru infurmawh illi kellhom jigu biex ibiddlu l-parti mkissra izda meta wasslu induna illi ma kienu gabu xejn maghhom u sar jaf illi kienu ha jibghatu s-sufan l-Italja biex jissewwa u mhux jinbidel. F'dak l-istaju, ir—rikorrent ma accettax. Kellem lil manager li insista li ha jibghatu s-sufan l-Italja u wara jibghatu l-gdid izda r-rikorrent kien lahaq tilef kull fiducja u beza illi huma kienu ser isewwu s-sufan tieghu u ghalhekk insista illi jzomm is-sufan tieghu sakemm jgibu s-sufan il-gdid. Il-kumpanija baqghet ma accettatx.

Illi xehed ukoll Nikolai Attard rapprezentant tal-azjenda intimata illi qal illi meta s-sufan waslet ir-rikorrent qallhom illi ma kienx ghadu lest u peress li ma setghux izommu s-sufan fl-istore taghhom sar il-pagament u s-sufan gie konsenjat xi gimghatejn wara. Ftehmu li s-sufan kien ser jibqa' maghluq u meta marru f'Lulu biex ijfthux, sab li kien imkisser. L-intimat qal illi minhabba t-trapass ta' zmien ma setghux ikunu jafu jekk is-sufan kien imkisser mal-konsenja jew inkella jekk is-sufan inkiser meta kien fil-pussess tar-rikorrent. L-intimat qal illi filwaqt illi l-kumpanija kienet lesta li ttih sufan gdid, l-ewwel riedet tiehu lura s-sufan li kien fil-pussess tar-rikorrent.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza, ir-rikorrent qed jitlob li jinghata sufan gdid jew flusu lura. Min-naha taghha, l-azjenda intimata qeghdin jaqblu illi jbiddlu s-sufan ma' sufan gdid, imma qed jinsistu illi l-ewwel jiehdu s-sufan mertu tal-kaz.

Mill-avviz tar-rikorrent u anke mix-xhieda tieghu, jirrizulta illi malli nfetah il-kaxxa, f'Lulu 2024, ir-rikorrent kien dispost illi jaghtihom is-sufan lura. Kien biss wara diversi xhur illi r-rikorrent rega' bdielu meta nduna illi l-kumpanija riedet isewwi s-sufan minflok taghtih sufan gdid jew replacement tal-parti imkissra.

Illi l-artikolu 73 tal-Kap 378 jistipola illi oggett ghandu jigi kkunsinnat konformi mal-kuntratt tal-bejgh, b'mod li jkollu, fost affarjiet ohra, l-funzjonalita' rikjesta. Illi f'kaz ta'

nuqqas ta' konformita' l-konsumatur ghandu jkun intitolat illi l-oggett jingieb f'konformita' permezz ta' tiswija, sostituzzjoni, tnaqqis fil-prezz jew terminazzjoni tal-kuntratt.

Iilli l-azjenda intimata ma tistax tuza l-fatt illi s-sufan kien fil-pussess tar-rikorrent biex jiggustifika l-hsara. Jekk riedet, l-azjenda intimata kellha kull dritt li tiftah is-sufan mal-konsenja fil-presenza tar-rikorrent, izda dan m'ghamlitux u t-Tribunal jemmen illi s-sufan kien imkisser meta gie konsenjat. Ghalhekk, dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa entro l-parametri tad-drittijiet tieghu bhala konsumatur.

Fic-cirkostanzi tal-kaz u anke peress li tul dawn is-sitt xhur, l-azjenda intimata kellha hin bizzejjed sabiex tordna sufan gdid, it-Tribunal jidhirlu illi rifuzjoni tal-flus ikun iktar idoneju f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna l-azjenda intimata illi thallsu l-ammont ta' elf u sitt mitt euro. Bi dritt tal-azjenda intimata illi tiehu lura s-sufan wara li jsir id-debitu hlas.

**Dr Michela Spiteri, LL.D.**

**Arbitru**